# L-EU-SILC 2023: Indikaturi dwar il-Ġid tan-Nies, is-Soċjetà u s-Saħħa

NR 048/2025 Data tal-Ħruġ: 17 ta' Marzu 2025

*Fl-2023, il-maġġoranza tan-nies li joqogħdu fi djar privati qiesu saħħithom inġenerali bħala tajba (79.5 fil-mija), b'29.6 fil-mija tan-nies jistqarru li jbatu minn marda jew kundizzjoni kronika.*



**Daħla**

L-Istħarriġ tal-Istatistika Ewropea dwar id-Dħul u l-Kundizzjonijiet tal-Għajxien (EU-SILC) huwa eżerċizzju ta' kull sena mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika (NSO) fost nies li joqogħdu fi djar privati f'Malta u Għawdex. L-istħarriġ jiġbor tagħrif dwar indikaturi relatati mas-saħħa inġenerali u l-ġid tan-nies.

**Indikaturi tas-saħħa**

Fl-2023, 79.5 fil-mija tan-nies fi djar privati kienu jaraw saħħithom inġenerali bħala waħda tajba (Ċart nru 1). L-irġiel kellhom aktar ħabta jaraw saħħithom bħala waħda tajba (82.2 fil-mija) meta mqabblin man-nisa (76.5 fil-mija) (Tabella nru 1). Ftit inqas minn terz ta' dawk li wieġbu (29.6 fil-mija) qalu li jbatu minn xi mard jew kundizzjonijiet kroniċi[1] (Ċart nru 2, Tabella nru 2). Il-biċċa l-kbira qalu li li m'għandhomx limitazzjonijiet minħabba problemi ta' saħħa, filwaqt li 13.8 fil-mija qalu bil-maqlub (Ċart nru 3, Tabella nru 3). Il-maġġoranza tan-nies li ħtieġu eżami jew trattament mediku jew dentali ma rrappurtawx li kellhom ħtiġijiethom mhux milħuqa, b'1.1 fil-mija biss tan-nies jirrapportaw mod ieħor. Dan kien tnaqqis meta mqabbel mal-2022 (2.8 fil-mija) u l-2021 (4.3 fil-mija) (Tabella nru 4).

[1] Mard jew kundizzjonijiet kroniċi jistgħu jinkludu l-artrite, allerġiji, pressjoni għolja, l-uġigħ ta' ras li tibqa' għaddejja, ansjetà jew dipressjoni kroniċi, dijabete u ażma.

## Ċart nru 1. L-istat tas-saħħa inġenerali kif mifhum min-nies infushom

Żmien ta' riferenza: 2021-2023[2]




[2] Hawn waqfa fis-serje: ara nota nru 6 fil-metodoloġija.

Nota: Tirreferi għal persuni ta' 16-il sena u aktar li joqogħdu fi djar privati.

## Ċart nru 2. Is-sehem ta' persuni li jbatu minn mard jew kundizzjonijiet kroniċi, bis-sess

Żmien ta' riferenza: 2021-2023[2]




[2] Hawn waqfa fis-serje: ara nota nru 6 fil-metodoloġija.

Nota: Tirreferi għal persuni ta' 16-il sena u aktar li joqogħdu fi djar privati.

## Ċart nru 3. Is-sehem ta' persuni b'limitazzjoni fl-attività minħabba problemi ta' saħħa, bis-sess

Żmien ta' riferenza: 2021-2023[2]




[2] Hawn waqfa fis-serje: ara nota nru 6 fil-metodoloġija.

Nota: Tirreferi għal persuni ta' 16-il sena u aktar li joqogħdu fi djar privati.

## Ċart nru 4. Is-sehem ta' persuni li qalu li kellhom ħtiġijiet mhux milħuqa għal eżami/trattament mediku jew dentali, bis-sess

Żmien ta' riferenza: 2021-2023[2]




[2] Hawn waqfa fis-serje: ara nota nru 6 fil-metodoloġija.

Nota: Tirreferi għal persuni ta' 16-il sena u aktar li joqogħdu fi djar privati.

Ir-rata ta' riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali (AROPE) tiddefinixxi l-proporzjon/l-għadd ta' nies f'riskju ta' faqar, jew f'tiċħid materjali u soċjali sever, jew li jgħixu f'familji b'intensità ta' xogħol baxxa ħafna. Fl-2023, in-nies f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali kienu inqas probabbli li jaraw saħħithom bħala waħda tajba. Fil-fatt, 67.4 fil-mija biss tan-nies f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali kienu jqisu s-saħħa ġenerali tagħhom bħala waħda tajba, meta mqabblin ma' 82.4 fil-mija ta' dawk li wieġbu li ma kinux f'tali riskju (Tabella nru 1).

Meta tqiesu l-fatturi ewliena li juru saħħa ħażina u mard kroniku, in-nisa, l-individwi 'l fuq minn 65 sena, u dawk f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali, kellhom aktar ħabta jgħidu li jbatu minn mard jew kundizzjonijiet kroniċi, u li għandhom limitazzjonijiet minħabba fihom. Dawn ix-xejriet dehru wkoll fl-2022 u fl-2021 (Tabelli nri 2 u 3).

**Indikaturi dwar il-ġid tan-nies**

Fuq skala minn 0 sa 10, fejn 0 jirrappreżenta 'l min ma kien sodisfatt xejn u 10 jirrappreżenta 'l min kien sodisfatt għalkollox, kien irrappurtat punteġġ medju ta' 8.6 minn dawk li wieġbu dwar is-sodisfazzjon tagħhom bir-relazzjonijiet personali mal-familja u l-ħbieb. Instab punteġġ medju ta' 7.7 dwar is-sodisfazzjon tagħhom bl-impjieg attwali, filwaqt li nstab punteġġ medju ta' 7.4 b'rabta mas-sodisfazzjon tagħhom bil-ħajja ġenerali. Il-punteġġi medji l-aktar baxxi nstabu fuq is-sodisfazzjon bl-użu tal-ħin u bil-qagħda finanzjarja, b'6.7 and 6.9 rispettivament. Dawk bejn is-16 u s-17-il sena kellhom l-ogħla punteġġ medju fuq is-sodisfazzjon ġenerali tal-ħajja (7.6), filwaqt li dawk li kellhom 65 sena jew aktar irrappurtaw l-aktar punteġġ medju baxx dwar dan b'7.3 biss. L-ogħla punteġġ medju dwar is-sodisfazzjon bir-relazzjoni personali kien irrappurtat minn dawk fl-età ta' 65 sena jew aktar (8.8). Dawk f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali kellhom punteġġi medji aktar baxxi dwar is-sodisfazzjon tagħhom bil-ħajja ġenerali, il-qagħda finanzjarja, l-impjieg attwali, u r-relazzjonijiet personali, meta mqabbla ma' dawk li ma kinux f'tali riskju. Min-naħa l-oħra, huma rrappurtaw punteġġ medju ogħla dwar is-sodisfazzjon tagħhom bl-użu tal-ħin.

Id-Dħul Ekwivalizzat Nazzjonali (NEI) ta' familja huwa definit bħala d-dħul kollu disponibbli tal-familja maqsum bid-'daqs ekwivalenti' tagħha (imsejħa wkoll unitajiet ta' konsum). In-NEI jqis id-daqs u t-tqassim tal-etajiet tal-membri tad-dar. Fl-2023, nies fl-ogħla kategorija ta' dħul ekwivalizzat kellhom valuri medji ogħla għas-sodisfazzjon bil-ħajja ġenerali, il-qagħda finanzjarja, l-impjieg attwali u r-relazzjonijiet personali. Min-naħa l-oħra, valur medju ogħla għas-sodisfazzjon bl-użu tal-ħin instab fost nies fil-kategorija tad-dħul ekwivalizzat l-aktar baxx (Tabella nru 5a).

## Ċart nru 5. Il-livell ta' sodisfazzjon dwar għadd ta' karatteristiċi tal-ġid kif mifhum min-nies infushom

Żmien ta' riferenza: 2023




Nota: Tirreferi għal persuni ta' 16-il sena u aktar li joqogħdu fi djar privati.

B'mod ġenerali, aktar minn nofs dawk li wieġbu rrappurtaw li, għal ħafna mill-ħin, ħassewhom fil-hena (60.2 fil-mija), filwaqt li madwar nofshom ħassewhom fil-kalma u l-kwiet (48.2 fil-mija) għal ħafna mill-ħin. Fost dawk li wieġbu għall-istħarriġ, 34.0 fil-mija rari ħassewhom bin-nervi u aġitati, filwaqt li 26.9 fil-mija oħra qalu li kultant ħassew dan it-tiġrib (Ċart nru 6).

## Ċart nru 6. Is-sehem ta' persuni bis-sentimenti tagħhom dwar għadd ta' karatteristiċi dwar il-kwalità tal-ħajja

Żmien ta' riferenza: 2023




Nota: Tirreferi għal persuni ta' 16-il sena u aktar li joqogħdu fi djar privati.

In-nisa kellhom aktar ħabta jgħidu li, ħafna drabi, ħassewhom bin-nervi u aġitati (12.6 fil-mija), li kienu mdejqin (3.4 fil-mija), li kellhom qalbhom maqtugħa u b'dipressjoni (4.7 fil-mija) u waħidhom (2.6 fil-mija). Min-naħa l-oħra, l-irġiel kellhom aktar ċans li jirrappurtaw sentimenti ta' kalma u kwiet (49.3 fil-mija) u hena (61.0 fil-mija), ħafna drabi. Dawk ta' minn 65 sena 'l fuq kellhom aktar ċans li jħossuhom, ħafna drabi, imdejqin (5.5 fil-mija), b'qalbhom maqtugħa u b'dipressjoni (6.1 fil-mija) jew waħidhom (5.3 fil-mija). Min-naħa l-oħra, 61.8 fil-mija tan-nies bejn it-30 u l-64 sena qalu li kienu fil-hena għal ħafna mill-ħin, li huwa l-ogħla fost il-gruppi kollha tal-età. Aktar minn nofs dawk ta' bejn is-16 u s-17-il sena qalu li ħassewhom kalmi u fil-kwiet għal ħafna mill-ħin (52.8 fil-mija).

Dawk f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali kellhom aktar ħabta jħossu sentimenti negattivi għal ħafna mill-ħin meta mqabblin ma' dawk li ma kinux f'tali riskju. Dawn is-sentimenti inkludew nervi u aġitazzjoni (14.1 fil-mija), dwejjaq (4.8 fil-mija), qalb maqtugħa u dipressjoni (6.0 fil-mija), u solitudni (5.0 fil-mija). Dawk li li ma kinux f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali kienu l-aktar probabbli li esperjenzaw sentimenti pożittivi bħall-kalma u l-kwiet (49.2 fil-mija) u l-hena (62.4 fil-mija) ħafna drabi (Tabella nru 6a).

Fl-2023, il-biċċa l-kbira tal-individwi (93.5 fil-mija) ħassew li, jekk ikun hemm bżonn, kienu sa jirċievu għajnuna materjali jew mhux materjali[3] mill-familja, ħbieb, kollegi, jew persuni oħrajn li jafu (Tabella nru 7).

Fuq skala minn 0 sa 10, fejn 0 jirrappreżenta 'l min ma jafda xejn u 10 jirrappreżenta 'l min jafda għalkollox, bħala medja, il-punt sa fejn in-nies jafdaw lil oħrajn kien irrappurtat fil-punt ta' 5.1. Fuq skala minn 0 sa 10, fejn 0 jfisser esklużjoni ta' xejn u 10 jfisser esklużjoni sħiħa, l-individwi raw lilhom infushom bħala li mhumiex esklużi mis-soċjetà. Fil-fatt, il-punteġġ medju dwar dawn is-sentimenti kien fil-livell ta' 2.0 (Tabella nru 8).

[3] L-għajnuna materjali tinkludi flus, self jew oġġetti, filwaqt li l-għajnuna mhux materjali tinkludi lil xi ħadd biex ikellmek, jgħinek f'xi ħaġa jew jiġborlok xi ħaġa.

**Il-Kundizzjonijiet tal-Għajxien**

**Stqarrijiet tal-Aħbarijiet Oħra**

- L-EU-SILC 2023: Id-Djar Ewlenin
- L-EU-SILC 2023: Indikaturi Ewlenin
- EU-SILC 2023: Stimi tad-Deprivazzjoni Materjali u Problemi tad-Djar
- L-EU-SILC 2022: Indikaturi Ewlenin
- EU-SILC 2022: Stimi tat-Tiċħid Materjali u Problemi tad-Djar

**Temi Oħra Relatati**

Il-Ħarsien Soċjali

**Għal mistoqsijiet ikkuntattja:**

lcc.nso@gov.mt

**Għal aktar data, jekk jogħġbok żur:**

L-Indikaturi Magħżula.